# NAR TAŻ-ŻEJT: ŻEJT L-EKONOMIJA



Jidher li r-ritmu li ħoloq gvern Laburista sa mill-2013 'il hawn sar mhux biss nar tat-tiben imma wkoll nar taż-żejt … nar li jinfirex u jibqa' jaqbad għal żmien twil



minn **LORNA VASSALLO**

Forsi mhux kulħadd jaf li mhux kull nar jintefa bl-ilma. Huwa proprju għalhekk illi l-Malti jgħid 'nar tat-tiben' għal xi ħadd jew xi ħaġa li tagħmel ħafna 'ħoss' iżda qajla 'ssaddad'. Forsi għal din tal-aħħar, dan l-aħħar, sirna nużaw il-kelma 'bubble' bl-Ingliż.

Iktar kmieni dan ix-xahar, rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) iddikjara li s-sentejn li ġejjin Malta se jkollha t-tieni l-akbar tkabbir ekonomiku mill-pajjiżi kollha tal-UE. Bassar li din is-sena l-ekonomija Maltija se tikber bi 3.5%, u l-istess se tagħmel fl-2024.

Skont l-istess rapport, il-medja tat-tkabbir fiż-Żona tal-Ewro, din is-sena hija ta' 0.6%, waqt li s-sena d-dieħla se tkun ta' 1.4%. L-istess rapport juri wkoll li s-sena li għaddiet kellna tkabbir ekonomiku ta' 6.9%. Flimkien ma' dan, ir-rapport qal ukoll li pajjiżna fis-sentejn li ġejjin se jkollu l-inqas rata ta' qgħad fost il-pajjiżi tal-UE.

Apparti kritika li xi kultant niltaqgħu magħha minn ċerti bnadi mmotivata politikament, hemm ukoll fenomenu ieħor li tant nosserva fil-poplu Malti. Bħalma individwu għandu karattru, hekk ukoll poplu. Bħala pajjiż ċkejken huwa minnu illi nżommu pass lura milli niftaħru u t-tendenza dejjem tiġbed lejn li "ma narawx kbir". Dan b'differenza kbira minn popli oħra Ewropej li pjuttost għandhom it-tendenza li "tagħhom l-aqwa sistema u kwalità" jew li "d-dinja ma ddurx mingħajrhom".

Iżda l-poplu Malti donnu, ikun tajjeb kemm ikun tajjeb, jippreferi ma jurix. Fi kliem ieħor jaħbi. Dan donnu jifred dak li tgħid l-istatistika minn dak li jgħid il-poplu. Veru li hemm min ma jammettix li sejjer tajjeb. Forsi hemm min ma jintebaħx kemm sejjer tajjeb jew kemm sejjer aħjar. Imma l-kumplament li jafu li sejrin tajjeb ukoll ma jgħidux għax jaħbu.

Il-poplu Malti dejjem lagħabha li "Malta qatt ma rrifjutat qamħ" u b'mod totalment differenti minn dak li jittallab, xorta waħda qatt ma ftaħar li hu sinjur. Fehem sew li s-sinjur mistenni jagħti u mhux jieħu.

Donnu l-pajjiż kollu jilgħab logħba li sejjer ħażin. Għax ikbar m'int ikbar hemmek. U kollha nżommu saqajna mal-art.

Iżda lil hemm mill-motivazzjonijiet politiċi dan l-aħħar iltqajt ma' persuna li qaltli bla mistħija li post li madwar għaxar snin ilu kienet tikrih €200 fix-xahar, illum qed tikrih €1,000 fix-xahar. L-istess post, l-istess, l-istess akwati. Xejn differenti. L-unika differenza żgħira li matul is-snin is-sid daħħal xi ħaġa, irranġah mill-ġdid u reġa' krieh.

U dan mhux biss frott tat-tkabbir ekonomiku dirett f'Malta li jsemmi r-rapport tal-IMF iżda wkoll frott tal-opportunitajiet ta' xogħol li tant qed jiżdiedu li qed iġibu lejn pajjiżna saħansitra dejjem iktar persuni li qed jikru. U kollox sar għandu s-suq tiegħu. Flettijiet għoljin, flettijiet irħas, flettijiet kbar, flettijiet żgħar.

Għalkemm min irid igorr dejjem isib biex, il-barranin li llum qed jiġu attirati lejn pajjiżna jvarjaw minn persuni li jiġu biex jaħdmu fl-'igaming', għal persuni li jridu jaħdmu f'xogħlijiet talid jew tal-kostruzzjoni, għal persuni gradwati fejn is-suq ma jipprovdix biżżejjed nies. Sar hawn saħansitra spiżjara barranin iservu lill-Maltin u għexieren ta' kerrejja ta' negozji Taljani.

Minkejja li n-negattiv spiss jissemma: ħsara lill-ambjent, torrijiet telgħin ma' kullimkien, ċokon ta' flettijiet, telfien ta' valuri, taħlit ta' kultura, telf tal-kultura u l-lingwa Maltija... il-Maltin spiss jinsew li grazzi għal dan kollu għal kull għadma sar hawn mitt kelb u kulma qiegħed għall-bejgħ sar jinxtara. Kull ħanut talmerċa kabbar il-klijentela u kull ristorant, kiosk jew 'take-away' ibigħ iktar. Ir-rota tal-ekonomija hemm iktar min idawwarha u tħobbu jew tobogħdu l-barrani qed idawwar l-ekonomija Maltija wkoll.

Li wieħed forsi ma jindunax huwa li meta l-ġid iġib il-ġid dan ma jimmultiplikax b'mod konsistenti imma b'mod esponenzjali. Jinfirex bħan-nar fi ftit żmien. Flejjes li minn iktar nies imorru f'aktar konsum u f'aktar bwiet kważi b'mod inkontrollabbli daqs rota nieżla ma' għolja wieqfa. Il-flus mhux biss jirduppjaw imma jitripplaw f'qasir żmien.

Jidher li r-ritmu li ħoloq gvern Laburista sa mill-2013 'il hawn sar mhux biss nar tat-tiben imma wkoll nar taż-żejt … nar li jinfirex u jibqa' jaqbad għal żmien twil. Nar li mhux jidher għal qasir żmien u jintefa jew jgħib mal-ewwel taqtira ilma. Nar li lanqas l-ilma ma jegħlbu anzi jħeġġu. Nar taż-żejt li jibqa' jaqbad għal żmien twil: iż-żejt ta' ekonomija soda. Iżda nar ukoll speċjali għax għalkemm in-nar jista' jkollu konnotazzjonijiet ħżiena u bir-raġun, in-nar li qabbad gvern Laburista ma qeridx ħlief faqar u qgħad.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa. Għal aktar artikli tal-istess artikolista www.vassallolorna.com.